**Arċidioċesi ta' Malta.**
Floriana

**<u>Rapport Finali</u>:** **Viżta Pastorali Ħ'Attard.**

Il-Parroċċa ta' Santa Marija, Ħ'Attard hi parroċċa ta' 'l fuq minn, 10,000 persuna b'madwar 3,000 dar. Il-parroċċa għadha tikber fin-numru, u għad hemm aktar magħmudijiet milli funerali.

L-attendenza għall-Quddiesa ta' nhar ta' Ħadd hi ogħla mill-medja tad-djoċesi. Fl-aħħar ċensiment (dak tas-sena 2005), il-persentaġġ tal-attendenza kien ta' 56.8 fil-mija.

Hemm preżenza attiva ta' lajċi li huma involuti direttament fil-ħidma parrokkjali. Hemm sistema tajba ta' *parish links* li jagħmlu kuntatt regolari mal-familji, fosthom fit-tqassim tal-fuljett. Hemm ukoll diversi gruppi, għaqdiet u movimenti li jagħtu bosta opportunitajiet għal-lajċi biex jassoċjaw ruħhom f'ħidma ta' appostolat u f'formazzjoni kontinwa.

Il-parroċċa għandha Ċentru Parrokkjali, li ġie rranġat dan l-aħħar, li għandu potenzjal kbir u jagħti lill-parroċċa l-possibilta' ta' post adattat ħafna biex fiħ issir ħidma ta' appostolat u ta' formazzjoni.

Hemm kappella tal-Adorazzjoni li tipprovdi l-opportunita matul il-ġurnata (minn filgħodu kmieni sa tard filgħaxija) biex persuni jistgħu jagħmlu mumenti ta' talb fil-kwiet.

Il-fatt li f'din il-parroċċa hemm numru sabiħ ta' żgħażagħ ('il fuq minn 2000) u ftit qed jintlaħqu, tajjeb li fost l-ewwel prijoritajiet jinħaseb kif ser tittieħed kura pastorali tagħhom anke f'koordinamet mal-parroċċi tal-Unita' Pastorali.

Il-parroċċa għandha fi ħdana numru sabiħ ta' professjonisti u għalhekk tajjeb li dawn jiġu avviċinati u mistiedna biex isir djalogu magħhom u bejniethom biex ħekk jintlaħqu pastoralment, u jkunu jistgħu joffru kontribut fil-ħidma pastorali.

Inħass li fejn jidħlu l-operaturi pastorali, fosthom hemm numru mhux ħażin li mhumiex f'għaqdiet/movimenti lajkali, u għalħekk ikun tajjeb li jinħadem kors ta' formazzjoni għalihom.

Fejn tidħol il-ħidma ma' persuni fil-bżonn, ħareġ li l-aħjar l-ewwel isir analiżi ta' x'tip ta' faqar hemm fil-parroċċa, u wara jibda jinħadem programm kif ser jitwaqqaf grupp ta' sapport għall-persuni b'diżabilta', romol, separate, *single-parents*, li mid-dehra n-numru tagħhom huwa wieħed konsiderevoli.

Huwa rrakkomandat li titwaqqaf il-Kummissjoni Implimentazzjoni Sinodu biex tkun tista' ssegwi l-andament tal-parroċċa ħalli tkompli tiġi animata mill-attitudnijiet u l-proposti li ħarġu mis-Sinodu Djoċejan 1999-2003.

Il-propjeta' tal-Knisja, li tinkludi: il-Knisja Parrokkjali, iċ-Ċentru Parrokkjali, l-Uffiċju Parrokkjali, ir-residenza tal-Kappillan, iċ-Ċentru ta' Tagħlim Nisrani, iċ-Ċimiterju, il-Kappella San Pawl, il-Kappella Sant'Anna, l-i*store* u dar private (bħalissa okkupata), kollha huma miżmumin tajjeb ħafna.

Is-sitwazzjoni finanzjarja tidher b'saħħitha minħabba li d-dħul mill-ġbir fil-knisja huwa tajjeb, anki jekk il-parroċċa trid kull sena tagħti lill-Knisja €56,000 minħabba *loan* li sar mill-parroċċa għaċ-Ċentru Parrokkjali.

Bħala *presbiterium* hemm ħames saċerdoti, li minnhom il-Kappillan biss huwa *full-timer*. Is-saċerdoti l-oħra jagħtu l-kontribut ministerjali tagħhom skond il-possibilta' tagħhom minħabba li għandhom impenji oħra fid-djoċesi. Tajjeb li l-*presbiterium* isib mod kif kull xahar jagħmel il-laqgħa tiegħu.

Għalkemm hemm numru sabiħ ta' lajċi li jagħtu seħemhom fil-ħajja tal-parroċċa, jidher li qed tinstab diffikulta' biex in-numru jikber. Hemm ukoll partijiet mill-parroċċa li għadhom mhux qed jiġu milħuqa. Fil-fatt, ikun tajjeb li jiġi studjat kif l-aħjar isiru l-*family visits* (jew tberik).

Il-parroċċa għandha tara kif ser tqanqal insara fi ħdana li jkunu lesti li jagħtu seħemhom fl-operat pastorali.

Il-parroċċa għandha tadotta ħidma pastorali fejn jinstabu nsara li lesti jidħlu għall-missjoni ta' evanġelizzazzjoni. Dan jagħmluh billi jinqasmu fi gruppi skond territorju stability, jinbnew bejniethom fuq il-Kelma ta' Alla u jmorru jistiednu lin-nies biex jissieħbu magħhom f'din l-esperjenza nisranija.

Mid-diversi rapport u diskussjonijiet li saru waqt il-Viżta Pastorali ħarġu wkoll dawn il-punti:

- Jinstab post tajjeb għaċ-ċelebrazzjoni tas-sagrament tar-Rikonċiljazzjoni kemm fil-Knisja Parrokkjali, kif ukoll fiċ-Ċentru Parrokkjali fejn qed isiru uħud mill-quddies tal-Ħadd;
- Jinħaseb biex isir battisteru ġdid li jkun aktar adattat minn dak li hemm;
- Isir inventarju tal-parroċċa.

Fl-aħħarnett tajjeb li l-parroċċa tara kif ser tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-Unita' Pastorali.

Barra l-punti prinċipali li hawn imsemmija f'dan ir-rapport, hemm punti oħrajn li ġew innutati mid-delegati u għalhekk tajjeb li dawn jiġu segwiti mill-istess Delegati mal-kappillan, il-kunsilli u l-kummissjonijiet relattivi.

Mons Ċharles Cordina
Segretarju Pastorali

27 ta' Frar 2009

